

32000L0048

L 197/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.8.2000

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/48/KE

tal-25 ta' Lulju 2000

li temenda l-Annessi mad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti ta' oriġini mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel rispettivament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/42/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti ta' oriġini mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/42/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/10/KE⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (1)(f) tagħha,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva ġdida, l-azossistrobin, kienet inkluża fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/47/KE⁽⁶⁾, għall-użu bħala fuġiċidi biss, mingħajr ma ġew speċifikati l-kondizzjonijiet partikolari li għandhom impatt fuq l-uċuħ tar-raba' li jstgħu jiġu ttrattati bil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-azossistrobin.
- (2) Il-livelli massimi għall-fdalijiet ta' l-azossistrobin ġewwa u fuq l-oġġetti kollha tad-dar koperti bid-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE kienu ffixsati bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/71/KE⁽⁷⁾.
- (3) Filwaqt li kienu qegħdin jiġu ffixsati l-livelli massimi msemmija għall-fdal ta' l-azossistrobin, ġie magħruf illi dawn il-livelli għandhom jinżammu taħt reviżjoni u għandhom jiġu mibdula għalbiex iqisu t-tagħrif u l-informazzjoni l-ġodda. Id-Direttiva 1999/71/KE rrikonoxxiet illi l-livelli massimi nazzjonali proviżorji tal-fdalijiet għaċ-ċereali l-oħra u l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel għandhom jiġu ffixsati mill-Istati Membri bħala parti mill-awtorizzazzjoni tagħhom tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom l-azossistrobin u għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skond il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. Biex tiġi

ffaċilitata din l-eventwalità, xi wħud mil-livelli ddikjarati fid-Direttiva 1999/71/KE ġew iffissati fuq bażi proviżorju li jippermetti lill-Istati Membri li jikkonċedu iktar awtorizzazzjonijiet għal użu ġdid u li jinnotifikaw lill-Kummissjoni skond il-proċedura deskritta fl-Artikolu msemmi. Dan l-Artikolu jipprovdi illi fejn jeżisti livell massimu proviżorju Komunitarju tal-fdalijiet u fejn l-użu ġdid awtorizzat iwassal għal livelli ogħla, l-Istat Membru li jawtorizza għandu jstabbilixxi livell massimu nazzjonali proviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni.

- (4) Sabiex jiġi żgurat illi l-konsumatur jiġi protett b'mod adegwat mill-espożizzjoni għall-fdalijiet ġewwa jew fuq il-prodotti li dwarhom ma tkun ingħatat l-ebda awtorizzazzjoni, għandu jitqies prudenti, fl-adozzjoni tad-Direttiva 1999/71/KE, li jiġu ffixsati l-livelli massimi proviżorji tal-fdalijiet flivell aktar baxx dwar kif jiġu stabbiliti analitikament dawn il-prodotti. Kif jiġu stabbiliti fil-livell Komunitarju dawn il-livelli massimi proviżorji tal-fdalijiet huwa mingħajr preġudizzju għall-konċessjoni ta' awtorizzazzjonijiet proviżorji mill-Istati Membri għall-użu ta' l-azossistrobin fuq dawn il-prodotti skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (5) Sabiex jiġi awtorizzat prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipji uniformi pprovduti fl-Anness VI mad-Direttiva 91/414/KEE fl-ewalwazzjoni, b'mod partikolari, ta' dossier li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' l-Anness III mad-Direttiva 91/414/KEE, issottomess mill-applikant għall-awtorizzazzjoni. It-Taqsima 8 tal-Parti A ta' l-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE teħtieġ illi l-applikanti jissottomettu ċertu tagħrif li jinkludi l-livelli massimi proposti tal-fdalijiet flimkien ma' ġustifikazzjoni u stimi sħaħ dwar l-espożizzjoni potenzjali u l-espożizzjoni attwali permezz tad-dieta u ta' mezzi oħra. It-Taqsima 2.4.2 tal-Parti B ta' l-Anness VI, it-Taqsima 2.5 tal-Parti Ċ tad-Direttiva 91/414/KEE jeħtieġu illi l-Istati Membri jevalwaw it-tagħrif issottomess li jirrigwarda l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali mill-fdalijiet u l-impatt fuq l-ambjent u li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet sabiex jiġi żgurat illi l-fdalijiet li jiġru jirriflettu l-kwantitajiet minimi tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti meħtieġa għalbiex jinkiseb il-kontroll adegwat li jkun jikkorrispondi mal-prattika tajba tal-biedja, applikati b'manjiera illi jitnaqqsu għall-minimu l-fdalijiet waqt il-ħsad, waqt il-qatla jew wara l-ħażna, kif approprjat.

(1) ĠU L 221, tas-7.8.1986, pġ. 37

(2) ĠU L 158, tat-30.6.2000, pġ. 51

(3) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, pġ. 71

(4) ĠU L 230, tad-19.8.1991, pġ. 1

(5) ĠU L 57, tat-2.3.2000, pġ. 28

(6) ĠU L 191, tas-7.7.1998, pġ. 50

(7) ĠU L 194, tas-27.7.1999, pġ. 36

- (6) Ġie pprovdut tagħrif ġdid dwar l-użi ta' azossistrobin fuq ir-ross, il-banana, it-tuffieħ, tadam u l-kukurbit b'qoxra li tittikkel u li ma tittikilx. Din l-informazzjoni l-ġdida ġiet evalwata u jitqies approprjat illi jiġu riveduti l-livelli massimi proviżorji tal-fdalijiet iffissati għal dawn il-prodotti fid-Direttiva 1999/71/KE.
- (7) Ma' l-inklużjoni fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE l-evalwazzjoni teknika u xjentifika ta' l-azossistrobin ġiet iffinalizzata fit-22 ta' April 1998 fil-format ta' rapport tal-Kummissjoni ta' reviżjoni għall-azossistrobin. F'dan ir-rapport ta' reviżjoni, it-teħid aċċettabbli ta' kuljum (TAK) għall-azossistrobin ġie ffixat bħala ta' 0,1 mg/kg bw/kull jum. L-espożizzjoni tul il-medda tal-ħajja tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel ittrattati bl-azossistrobin ġiet stmata u evalwata skond il-proċeduri u l-prattiċi użati ġewwa l-Komunità Ewropea, filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppublikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa⁽¹⁾ u ġie kkalkolat illi l-livell massimu tal-fdal iffissat f'din id-Direttiva ma jagħtix lok li jinqabżu dawk ta' dan it-TAK.
- (8) Ma kinux innotati effetti akuti tossiċi li jeħtieġu li tiġi stabbilita doża akuta ta' referenza matul l-evalwazzjoni u d-diskussjoni li ppreċedew l-inklużjoni ta' l-azossistrobin fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.
- (9) Is-sieħba kummerċjali fil-Komunità ġew ikkonsultati dwar il-livelli ddikjarati f'din id-Direttiva permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli ġew ikkonsidrati. Il-possibbiltà li tiġi ffixata t-tolleranza ta' l-importazzjoni dwar il-livelli massimi tal-fdalijiet għall-pestiċidi/kombinazzjonijiet ta' uċuħ tar-raba' speċifiċi trid tiġi eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet ta' l-informazzjoni aċċettabbli.
- (10) Tqiesu l-parir u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti, b'mod partikolari fejn jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumaturi għall-prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-pestiċidi.
- (11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżjed mal-Parti A ta' l-Anness II mad-Direttiva 86/362/KEE:

Il-Fdal tal-pestiċida	Il-Livell Massimu fmg/kg
"L-Azossistrobin	5 Ir-Ross"

Artikolu 2

Il-livelli massimi tal-fdalijiet fl-Anness ma' din id-Direttiva għandhom jieħdu l-post ta' dawk elenkati għall-azossistrobin fl-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE.

Artikolu 3

1. Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġoxrin jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-miżuri legiſlattivi, regolatorji u amministrattivi sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2001. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

3. Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' April 2001.

4. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Linji ta' gwida biex jiġi previst il-konsum ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti) ippreparati mill-Programm ta' l-Ikel/GEMS f' kollaborazzjoni mal-Kumitat Kodex dwar Residwi tal-Pestiċidi, ippublikat mil-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa 1997 WHO/FSF/FOS/97.7)

ANNEX

Il-gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)
1. Il-frott, frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ippriżervat bil-friża, li ma jkunx fih zokkor; ġewż	
(i) IL-FROTT TAĊ-ĊITRU Il-Grapefruit Il-Lumi Il-Lumiċell Il-Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra) Il-Larinġ Il-Pomelos Oħrajn	0,05 (p) (*)
(ii) IL-ĠEWŻ TAS-SIĠAR (BIL-QOXRA MNEĦĦIJA JEW LE) Il-lewż Il-Brażil nuts Il-Cashew nuts Il-Qastan Il-Ġewż ta' l-Indi Il-Ġellewż Il-Macadamia Il-Pecans Il-Prinjoli Il-Pistaċċi Il-Ġewż Oħrajn	0,1 (p) (*)
(iii) IT-TUFFIEH, It-tuffieħ ta' belludja Il-Lanġas Il-Quince Oħrajn	0,05 (p) (*)
(iv) IL-FROTT BL-GĦADMA Il-Berquq Iċ-Ċirasa Il-Ħawħ (inklużi n-noċepeska u ibridi simili) Il-Għajn baqar Oħrajn	0,05 (p) (*)
(v) IL-BERRIES U L-FROTT IRQIQ (a) L-Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid L-Għeneb tal-mejda Għeneb ta' l-inbid (b) Il-Frawli (barra mis-selvaġġa) (ċ) Frott tal-kannamieli (barra minn selvaġġ) It-Tut Id-Dewberries Il-Loganberries Ir-Raspberries Oħrajn	2 0,05 (p) (*) 0,05 (p) (*)

Il-gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)
(ċ) Il-Kukurbit, il-qoxra li ma tittikilx Il-Bettieħ Il-Frott tal-ġenus <i>Cucurbita</i> Id-Dulliegħ Oħrajn	0,5 (p)
(d) Il-Qamħirrum ħelu	0,05 (p) (*)
(iv) ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAR-RAZZA BRASSIKA	0,05 (p) (*)
(a) Il-Brassika li tagħmel il-fjuri Il-Brokkoli Pastard Oħrajn	
(b) Il-Brassika tar-Ras Il- <i>Brussel sprouts</i> Il-Kaboċċi tar-Ras Oħrajn	
(ċ) <i>Brassicabil-weraq</i> Il-Kaboċċi Ċiniża Il-Kaboċċi mfelfla Oħrajn	
(d) Il-Ġidra	
(v) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ĦWAWAR FRISKI	0,05 (p) (*)
(a) Il-Ħass u simili Il-Krexxun Il- <i>lamb's lettuce</i> Il-Ħass L- <i>Scarole</i> Oħrajn	
(b) L-Ispinaċi u simili L-Ispinaċi Il-Weraq tal-Pitravi (<i>chard</i>) Oħrajn	
(ċ) Il- <i>Watercress</i>	
(d) Il- <i>Witloof</i>	
(e) Il-Ħwawar Il-Maxxita Il-Kurrat It-Tursin, Il-Weraq tal-Krafes Oħrajn	
(vi) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-LEGUMI (friski)	0,05 (p) (*)
Il-Ful/Fażola (bil-miżwed) Il-Ful/Fażola (mingħajr il-miżwed) Il-Piżelli (bil-miżwed) Il-Piżelli (mingħajr miżwed) Oħrajn	
(vii) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK (friski)	0,05 (p) (*)
L-Asparagu Il-Kardun Il-Krafes Il-Busbież Il-Qaqoċċ Il-Kurrat Ir-Rabarbru Oħrajn	

Il-gruppi u l-eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLijiet	Il-fdalijiet tal-pestiċidi u l-livelli massimi tal-fdalijiet (mg/kg)
(viii) IL-FUNGI (a) Il-Faqqiegħ ikkultivat (b) Il-Faqqiegħ selvaġġ	0,05 (p) (*)
3. Il-Ħaxix ta' l-lkel tal-Miżwed Il-Ful/Fażola Il-Ghazz Il-Piżelli Oħrajn	0,05 (p) (*)
4. Iż-Żrieragħ taż-żejt Il-Kittien Il-Karawett Żerriegħa tal-Peprin Il-Ġunġlien Iż-Żerriegħa tal-Ward tax-Xemx Iż-Żerriegħa tal-Lift Iż-żerriegħa tas-Soya Iż-Żerriegħa tal-Mustarda Iż-Żerriegħa tal-Qoton Oħrajn	0,05 (p) (*)
5. Il-Patata Il-Patata bikrija Il-Patata li tinħażen	0,05 (p) (*)
6. It-Té (il-weraq u z-zkuk niexfa, iffermentati jew xorta oħra, mill-weraq tal- <i>Camellia sinensis</i>)	0,1 (p) (*)
7. Il-Hops (imnixxef), inklużi l-gerbub tal-ħops u t-trab mhux ikkonċentrat	0,1 (p) (*)
<p>(*) Jindika l-limitu l-baxx ta' kif jiġi stabbilit analitikament.</p> <p>(p) Jindika l-livell massimu proviżorju tal-fdalijiet.</p>	